MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 864/2014

**C.Fino & Sons Limited [C-2468]**

**-VS-**

**Ultra Services Limited**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tas-socjeta’ C.Fino & Sons Limited tat-3 t’Ottubru 2014 li jaqra hekk:

1. *“Illi b'sentenza tat-tletin ta' April tas-sena elf disa mija u tmienja u disghajn (30/04/1998) moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Cassar Aveta ghan-nom u fl-interess tas-Socjeta' C.Fino & Sons Limited -versus- Ultra Services Limited", citazzjoni numru 371/1998GCD (Dok. "A" hawn unit), is-Socjeta' rikorrenti giet kanonizzata kreditur tas-socjeta ntimata fis-somma ta' sebghat elef, erba mija u tmienja u tmenin liri Maltin u sbatax il-centezmi (Lm7,488.17c) ekwivalenti ghal sbatax il-elf, erba mija u sebgha u erbghajn euro u erba u erbghin centezmi (€17,447.44c) bhala sorte skond l-istess sentenza, bl-imghax fuq il-prezz ta' kull konsenja u li kalkolati mid-data tas-sentenza jammontaw ghal tnejn u ghoxrin elf, disa mija u erbatax il-euro u tletin centezmi (€22,914.30c); flimkien ma' l-ispejjez kollha gudizzjarja li jammontaw ghal elf, tlett mija u disa u erbghajn euro u tnejn u*

*ghoxrin centezmi (€1,349 .22c) skond taxxi ufficjali hawn ukoll uniti (Ara Dok. "B","C", "D" u "E");*

2. *Illi s-socjeta' ntimata ghadha ma hallset xejn mill-imsemmi ammont li f'sorte, imghaxijiet u spejjez fuq imsemmija komplessivament s'issa jammonta ghal wiehed u erbghajn elf euro, sebgha mija u ghaxra euro u sitta u disghajn centezmi (€41,710.96c) ;*

3. *Illi billi ghaddew aktar minn ghaxar (10) snin mill-precitata sentenza u ghalhekk hemm bzonn li, skond id-disposta ta' l-Artikolu 258(a) tal-Kap. 12, li l-istess sentenza tigi reza ezegwibbli mill-gdid.*

*Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-ezekuzzjoni mill-gdid ta' l-imsemmija sentenza moghtija minn dina l-istess Qorti fit-30 ta' April 1998 fl-istess ismijiet "Joseph Cassar Aveta ghan-nom u fl- interess tas-socjeta' C.Fino & Sons Limited -versus- Ultra Services Limited", ic- citazzjoni numru 371/1998GCD.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment ma' dan ir-Rikors, kontra s-socjeta' ntimata."*

Rat id-digriet taghha tas-7 t'Ottubru 2014 fejn apuntat ir-rikors ghas-smiegh ghas-19 ta'Novembru 2014 9.50am;

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta' intimata skond il-ligi;

Rat in-nota tas-socjeta' intimata tas-19 ta'Novembru 2014 illi biha amettiet t-talba;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkonsidrat:**

Din l-istanza tinkwadra ruhha fil-kuntest ta` l-Art.258 tal-Kap.12.

Jirrizulta li s-sentenza moghtija fit-30 ta'April 1998 minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet *"Joseph Cassar Aveta ghan-nom u fl- interess tas-socjeta' C.Fino & Sons Limited -versus- Ultra Services Limited", ic- citazzjoni numru 371/1998GCD* ghaddiet in gudikat u ghalhekk tikkostitwixxi titolu esekuttiv skond l-Art.253(a) tal-Kap.12.

Jirrizulta li din is-sentenza baqghet ma gietx ezegwita u ghaddew aktar minn ghaxar snin minn meta setghet tigi ezegwita. Ghalhekk il-kaz jaqa` fl-ambitu tal-Art.258(a) tal-Kap.12.

Din il-Qorti rat illi r-rikorrenti ottemperaw ruhhom ukoll ma` dak li jipprovdi l-bqija tal-Art.258 tal-Kap.12.

Illi di piu' permezz tan-nota tas-socjeta' intimata Ultra Services Limited datata 19 ta'Novembru 2014 l-istess socjeta, Ultra Services Limited ammettiet it-talba attrici.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, u fid-dawl tal-ammissjoni tas-socjeta intimata, din il-Qorti tilqa` t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tordna l-esekuzzjoni mill-gdid tas-sentenza moghtija minn dina l-istess Qorti fit-30 ta' April 1998 fl-istess ismijiet "Joseph Cassar Aveta ghan-nom u fl-interess tas-socjeta' C.Fino & Sons Limited –versus - Ultra Services Limited", citazzjoni numru 371/1998GCD.**

**Bl-ispejjez kif mitlub, kontra s-socjeta'intimata.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------